MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2009

Numru 984/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**
**KONTRA**

**BASHIR ABU GASEM AL- HARIRI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Bashir Abu Gasem Al- Hariri ta’ 35 sena, bin Abu Gasem u Mabruka nee’ El- Mahmud, mwieled Tripoli Libya nhar is- 16 ta’ April 1974, minghajr indirizz fiss u detentur tal-Karta tal- Identita’ Libjana nru. 577090

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess dispozizzjonijiet tal- Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli fl- 4 ta' April 2009 ghall- habta tal- 11.45pm, gewwa l- Fairplay gaming arcade fi Triq in- Naxxar, San Gwann, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa;

1) Ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), u li sar ghad- dannu tas- socjeta' Gaming Operations Ltd. u/ jew ta' entitajiet u/ jew persuni ohra;

2) Aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Richard Gauci, lil Charles Magri u xi persuna/I ohra kontra l- volonta' taghhom;

3) U aktar talli fl- istess, jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

Aktar talli fis- 7 ta' April 2009 ghall- habta tas- 1.00am gewwa l- Fairplay gaming arcade fi Triq il- Wied, Birkirkara, glimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa;

4) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad- detriment tas- socjeta' Gaming Operations Ltd. u/ jew ta' entitajiet jew persuni ohra;

5) aktar talli fl- istes jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamma jew issekwestra lil Leslie Caruana, lil Rodelene Gaunt u diversi persuni ohra, kontra l- volonta' taghhom;

6) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan- nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

U aktar talli fis- 17 ta' April 2009 ghall- habta ta' 00.30am, gewwa l- Ambassador gaming arcade, formanti parti mis-Suncrest Hotel fi Triq il- Qawra, Qawra, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa;

7) bil- hsieb li jaghmel delitt ta' serq, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, wera dan il- hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall- esekuzzjoni tad- delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta' tal- imputat u li kieku gie esegwit kien ikun serq kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37);

Talli fid- 19 ta' April 2009, ghall- habta tal- 11.00pm, gewwa l- playline gaming arcade fi Triq il- Marsa, Marsa, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa;

8) ikkommetta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li ma jeccedix l- elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad-detriment ta' Clifton Borg u/ jew ta' persuna/I u/ jew entitajtiet ohra;

9) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il- ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta

lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joseph Grech u lil Bjorn Falzon kontra l- volonta' taghhom;

10) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel deiltt kontra l- persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan- nar jew imitazjoni t'arma regolari

U aktar talli fis- 21 ta' April 2009, ghall- habta ta' 10.15pm gewwa l- Fairplay gaming arcade, fi Pjazza Antoine De Paule, Paola flimkien ma' zewg pesuni ohra mhux maghrufa;

11) ikkometta serq ta' flus u tlett mobile phones, liema serq hu kkwalifikat bil- vjolenza, bil- mezz, bil- hin u bil- valur, li jeccedi l- elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u li sar ghad- detriment tas- socjeta' Gaming Operations Ltd. Jean Paul Vella, Edward Bugeja, Anna Zahra u/ jew ta' entitajiet/persuni ohra;

12) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il- Ligi tal- awtorita' kompetenti, u barra mill- kazijiet li fihom il- Ligi taghti s- setgha lill- privat li jarresta lill- hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Jean Paul Vella, Edward Bugeja u Anna Zahra kontra l- volonta' taghhom;

13) aktar talli fl- istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l- persuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan- nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan- nar jew imitazzjoni t'arma regolari;

14) finalment, nakkuzawh ukoll, talli matul ix- xahar ta' April 2009, f'dawn il- Gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil- pussess tieghu, taht il- kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond, xi arma tan- nar, jew munizzjon, elenkati fl- Iskeda II tal- Kapitolu 480 (Att Dwar l- Armi) minghajr ma kellu licenzja taht l- istess Att;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

Rat illi ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti giet hekk ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta’ Gudikatura Kriminali, u ghalhekk il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza fil-konfront tal-imputat;

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, din il-Qorti jkollha ssibu hati tar-reati addebitati lilu u tghaddi biex tippronunzja s-sentenza. L-imputat ammetta li ha sehem f’ mhux anqas minn erba’ “hold ups” f’ perijodu qasir f’ April ta’ din is-sena, u ammetta l-involviment tieghu f’ attentat ta’ serqa ohra fl-istess perijodu. Dan hu reat gravi hafna f’ ghajnejn din il-Qorti. Meta s-serq – li diga’ fih innifsu hu reat gravi – ikun akkumpanjat bil-vjolenza u s-sekwestru tal-persuna, kif jigri fil-“hold ups”, flimkien mal-hsara u dannu ghall-proprjeta’ privata u ghat-tgawdija tad-dritt fuq l-istess proprjeta’, jizdied il-periklu ghas-sahha u l-ikolumita’ ta’ persuni. Dan ir-reat ghalhekk bil-fors jimmerita piena ta’ prigunerija effettiva u xejn anqas. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija u tal-ghinuna li l-imputat forna lill-Pulizija biex jinqabdu persuni ohra li wettqu dawn ir-reati flimkien mieghu, il-Qorti sejra tirriduci l-piena li tista’ tinghata, izda trid tikkunsidra wkoll il-konkors tar-reati fil-komputazzjoni tal-istess piena. Il-Qorti ghandha twassal messagg car li tali reati ghandhom jinghataw piena ta’ prigunerija effettiva, u huja biss minhabba fl-ammissjoni bikrija u minhabba fl-ghinuna li hu ta lill-Pulizija li l-Qorti naqset il-piena ghal erba’ snin.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 41 (1) (a), 86, 261, 262 (1) (a) (b), 263 (b), 267, 270, 325 (1) (a) (b) (c) tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikoli 5 (1), 55 (a) tal- Kapitolu 480 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------